# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

7/17

**Minuti tas-seba laqgha tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Ufficcju Amministrattiv nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Vici Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Mistieden: | Is-Sur Albert Borg | - | MP&DC |
| Skuzati: | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgha bdiet fis-6:30pm u infethet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjuri Bugeja u Briffa baghtulu nota li kienu se jkunu skuzati ghal din il-laqgha.

2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>

2.1 Il-minuti tas-27 ta' April 2010 ittiehdu bhala moqrija u gew approvati kif koreguti.

2.2 Titnehha l-ahhar sentenza ta' minuta 3.0(b).

2.3 Minuta 4.6: Minflok il-kelma 'refugjati' tinkiteb il-kelma "immigranti illegali'.

2.4 Minuta 4.7: Minflok il-kelma 'b'dizabilita' jinkitbu l-kliem 'li tbati minn certu kundizzjoni'.

2.5 Il-minuti tal-10 ta' Mejju 2010 ittiehdu bhala moqrija u gew approvati kif koreguti.

2.6 Minuta 6.7: Titnehha l-ahhar sentenza u minfloka tizdied "Is-Sur Sultana talab li titranga l-bankina bil-possibilta li ssir bollard'.

3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajmu lill-minuti</u>

*Minuti tas-27 ta' April 2010*

3.1 Minuta 1.2: Is-Sindku infurmat lill-Kunsill b'korrispondenza mibghuta lilha mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar it-trasferiment tas-Segretarju Ezekuttiv. L-ittra kienet tghid li l-Prim Ministru approva t-trasferiment l-Erbgha 19 ta' Mejju 2010.

Is-Sur Anastasi qal li s-Segretarju Ezekuttiv hu x-xhud ewlieni fl-inkjeta tas-Sindku u talab sabiex is-Sindku titlob ghal estensjoni ta' xahar iehor. Qal li l-Kunsill kien ilu jaf b'din l-eventwalita mis-27 ta' April 2010 u l-Kunsill baqa ma hax passi konkreti. Qal ukoll li hu talab li ssir laqgha dwar dan izda ma giex imwiegeb.

Sa dan it-tant, il-Kunsill qabel li nhar it-Tlieta 1 ta' Gunju 2010 fil-5pm, il-Kunsilliera jiltaqghu bejniethom halli jibdew il-process tas-short listing. Il-Kunsill qabel li, fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku tinforma lill-applikanti hi permezz ta' itrra.

Filwaqt li s-Segretarju Ezekuttiv ghadda is-CVs lis-Sindku, is-Sur Camilleri ppropona li l-Kunsilliera jinghataw kopja tas-CVs u jkun jista jehodhom id-dar. Din il-proposta giet sekondata mis-Sur Anastasi. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta l-ewwel xoghol tal-Ordnijiet tal-Gurnata. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

4.0 <u>Item 7a: Ordnijiet tal-Gurnata</u>

Offerta: Manutenzjoni ta' toroq u bankini □ aggudikazzjoni.

4.1 Is-Sur Albert Borg spjega fid-dettall ir-rakkomandazzjoni mill-ufficcju tal-perit. Is-Sur Anastasi ippropona sabiex il-Kunsill jaccetta l-offerta ta' Central Asphalt Ltd peress li kienet l-orhos offerta u peress li hu l-kuntrattur attwali u l-Kunsill hu kuntent bix-xoghol u s-servizz tieghu. Din il-proposta giet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Ghar-rigward tal-kontijiet li l-MP&DC kellhom jispjegaw, is-Sur Borg qal li r-rata mitlba mhiex ir-rata massima tal-kuntratt. Il-Kunsill accetta din it-twegiba u qabel li l-kontijiet mizmuma jithallsu.

4.3 Ghar-rigward tal-kaz tal-bankina ta' Triq il-Kbira San Guzepp, is-Sur Albert Borg ikkonferma li d-decizjoni li jitwahhal il-madum ittiehdet mill-Kumitat tal-Papa li sussegwentament ikkomunikawha lis-Sindku sabiex tiehu azzjoni. Iddikjara li hu ma kienx jaf b'dan l-arrangament ghax kien bil-leave.

5.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti (kontinwazzjoni)</u>

*Minuti tas-27 ta' April 2010 (kontinwazzjoni)*

5.1 Minuta 3.0(b): Wara diskussjoni, is-Sur Sultana ippropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Econing. Din il-proposta giet sekondata mis-Sur Formosa. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2 Minuta 3.0(a): Il-Kunsill qabel li jinkludi l-ispejjez tal-perit rigward l-applikazzjoni tal-ground bhala accruals (€11,150).

5.3 Minuta 4.5: Il-Kunsill qabel li jinzammulu l-permessi sakemm jirrimedja.

*Minuti tal-10 ta' Mejju 2010*

5.4 Minuta 2.1: Is-Sur Camilleri iddikjara li hu astjena bil-vot tieghu ghax ma riedx johloq precedent.

5.5 Minuta 2.2: Is-Sur Camilleri qal li l-Kunsill missu inghata informazzjoni tajba. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lil min hu responsabbli mill-haddiema inkwistjoni.

5.6 Minuta 2.3: Is-Sur Sultana talab li fil-minuti ta' din il-laqgha jsiru zewg korrezzjonijiet: (1) li s-Sindku ipprezentat €900 u mhux €600 fil-programm l-Istrina u (2) li d-donazzjoni taghthom lill-President ta' Malta u mhux lil Peppi Azzopardi.

5.7 Minuta 2.4: Il-Kunsill qabel li jaghti zmien gimgha.

5.8 Minuta 2.6: Il-Kunsill qabel li jaghmel rapport lill-Pulizija ghal fatt li xi hadd rega zebghahhom lura ghal kif kienu.

5.9 Minuta 2.8: Il-Kunsill innota li skond is-Segretarju Ezekuttiv ta' Birkirkara, il-Kunsill kien mistieden. Is-Sur Camilleri qal li ghal darb'ohra, il-Kunsilliera gew injorati.

5.10 Minuta 2.13: Is-Sur Formosa iddikjara li hu astjena mill-vot tieghu peress li aktar qabel il-Kunsill kien iddikjara li m ghandux flus. Is-Sinjuri Anastasi u Camilleri qalu li jista jkun li fil-mument li ttiehdet id-decizjoni s-Sur Camilleri kien momentarjament assenti u ghalekk qalu li d-decizjoni ttiehdet b'nuqqas ta' etika u seta gie mistenni jew infurmat.

5.11 Minuta 3.15: Is-Sur Sultana iddikjara li l-bieb tal-istabbiliment inkwistjoni ghandu pum. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lill-MEPA.

5.12 Minuta 3.19: Peress li l-Kunsill ma qabilx fuq l-interpretazzjoni ta' klawsola 63A tal-ligi, il-Kunsill qabel li s-Sindku ghanda tikteb lid-Dipartiment ghal direttiva cara. Is-Sur Anastasi zied jghid li l-ghaqdiet lanqas ma jmisshom jithallew jaghmlu photocopies b'xejn mill-ufficcju tal-Kunsill.

6.0 <u>Item 4: Korrispondenza</u>

6.1 Il-Kunsill tratta din il-korrispondenza:

6.1.1 Silvana Spiteri re: rifuzzjoni tal-hlas tal-kors tal-ajrobika. Il-Kunsill qabel.

6.1.2 Nathalie Spiteri re: uzu ta' Gnien Romeo Romano. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

6.1.3 TM re: risposta ghall-ittra taghna. Il-Kunsill qabel li jirrifjuta.

6.1.4 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-kamra kopja tar-risposta ta' Memo 18/2010.

7.0 <u>Item 5: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)</u>

7.1 L-iskeda ghal *cheque payments* (28 ta' April 2010 sal-25 ta' Mejju 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u giet approvata. L-iskeda giet iffirmata mis-Sinjuri Sultana u Formosa.

7.2 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (22 ta' April 2010 sas-6 ta' Mejju 2010).

8.0 <u>Item 6: Ilmenti</u>

8.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

8.1.1 (274): Il-Kunsill qabel li jikteb ittra.
8.1.2 (275): Il-Kunsill innota li dan l-ilment gie trattat aktar kmieni.
8.1.3 (276): Il-Kunsill innota li dan l-ilment gie trattat aktar kmieni.
8.14 (277): Il-Kunsill innota li dan l-ilment gie trattat aktar kmieni.
8.1.5 (278): Il-Kunsill innota li mhux intotolat.
8.1.6 (279): Il-Kunsill innota li mhux intotolat.
8.1.7 (280): Il-Kunsill qed jitlob kjarifika.
8.1.8 (281): Il-Kunsill qabel li jhalli dan l-ilment pendent.
8.1.9 (282): Il-Kunsill innota li l-ilment jikkoncerna l-Imsida.
8.1.10 (283): Il-Kunsill innota li l-ilment jikkoncerna l-Imsida.
8.1.11 (284): Il-Kunsill qabel li tinhareg works lil B.Grima & Sons Ltd.
8.1.12 (285): Il-Kunsill qed jitlob kjarifika.
8.1.13 (286): Il-Kunsill qabel li jikteb ittra.
8.1.14 (287): Il-Kunsill innota li l-ilment diga gie tratta.
8.1.15 (288): Il-Kunsill qabel li tinhareg works order lil Central Asphalt Ltd.
8.1.16 (289): Il-Kunsill ma qabilx.
8.1.17 (290): Il-Kunsill ma qabilx.
8.1.18 (291): Il-Kunsill ma qabilx.
8.1.19 (292): Il-Kunsill ma qabilx.
8.1.20 (293): Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-ilment permezz tal-haddiema.
8.1.21 (294): Il-Kunsill ma qabilx.
8.1.22 (295): Il-Kunsill qabel li tinhareg works lil B.Grima & Sons Ltd.

8.1.23 (296): Il-Kunsill innota li l-ilment diga gie tratta.

9.0 Item 7b: Ordnijiet tal-Gurnata

Performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv

9.1 Il-Kunsill qabel li jitratta dan l-item fil-laqgha li jmiss.

10.0 Item 8: Aggornament

10.1 Is-Sur Camilleri ilmenta li l-kuntrattur tat-tabelli u sinjali tat-traffiku naqas milli jiltaqa mieghu fuq ilment. Il-Kunsill qabel li johrog twisspja.

10.2 Is-Sur Sultana ilmenta li l-Gvern qed jaghmel xi xoghol ta' tarmak fi Triq il-Kanun u l-Kunsill mhux infurmat.

10.3 Il-laqgha intemmet fid-9:30pm u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju 2010 fis-6pm b'agenda tkun komunikata aktar tard.

f/ Joseph Cassar — Ikkonfermati — Elizabeth Vella
Segretarju Ezekuttiv — Chairperson